# 336. Nhar San Ġwann 1720

Fil-jum tat-twelid tiegħu San Ġwann niżel
mis-sema, u ġie fil-Belt tagħna l-Maltin,
liebes bħas-soltu, b'naqra ġild ma' qaddu,
mill-bqija kien għarwien, saqajh ħafjin.

Il-Gilwa kienet miexja Strada Rjali,
bil-pass meqjus għaddejja l-Kavallieri,
lebsin is-satin iswed u l-bizzilla,
tad-deheb kellhom il-bokkli u l-pulzieri.

San Ġwann staqsa l-ġendarm: "Ta' min hi l-festa?";
"Bħal xejn l'int malti bħalek trid tiftaħar!"
wieġbu l-ġendarm, "ma tafx li illum San Ġwann?
Bl-ilbies l'int liebes għax ma tmurx sal-baħar!"

Qallu San Ġwann: "Mela Ġwanni kien jilbes
ilbies daqshekk lussus? Ġwanni kien fqajjar!"
"Oh x'ilsien għandek twil," il-ġendarm wieġbu,
"jekk ma ssiktux lil rasek ser intajjar!"

Wasal il-baldakkin, taħtu l-Gran Mastru
kien miexi maestus bil-kuda mtalla':
"Għar-rkobbtejkom ilkoll!", il-ġendarm għajjat;
"Għaliex?" staqsa San Ġwann, "mela ġej Alla?"

Il-ġendarm ħatfu, ħadu l-Kustlanija,
biex Qorti jgħadduh fis l-għada tal-btala;
'mma l-għada xħin l-isbirri għalih marru,
sabu b'għaġeb wisq kbir, ċella battala.